

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Ottubru 2015 – DD vs FRA

(Kawżi magħquda F-106/13 u F-25/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal de la FRA — Membru tal-persunal temporanju — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Appell intern — Akkużi ta' diskriminazzjoni — Akkużi ta' vittimizzazzjoni fis-sens tad-Direttiva 2000/43 — Investigazzjoni amministrattiva — Proċedura dixxiplinari — Sanzjoni dixxiplinari — Twissija — Artikoli 2, 3 u 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal — Xoljiment tal-kuntratt għal żmien indeterminat — Artikolu 47(c)(i) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Dritt għal smiġħ — Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea)

(2015/C 381/87)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: DD (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (rappreżentanti: M. Kjaerum, aġent, P. Jenkinson, avukat)

Suġġett tal-kawża

Kawża F-106/13: It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur tal-FRA li timponi sanzjoni dixxiplinari fil-forma ta' twissija lir-rikorrent.

Kawża F-25/14: It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-kuntratt tar-rikorrent ġie mitmum kif ukoll tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tiegħu u t-talba għad-danni għad-dannu materjali u morali subit.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2013 li permezz tagħha d-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali impona twissija fuq DD hija annullata.*
- 2) *Id-deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħha d-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali xolja l-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat ta' DD hija annullata.*
- 3) *Il-kumpliment tar-rikorsi fil-Kawżi magħquda F-106/13 u F-25/14 huma miċħuda.*
- 4) *L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbatl l-ispejjeż sostnuti minn DD.*

⁽¹⁾ ĠU C 45 tal-15.2.14., p. 46 u ĠU 184 tas-16.6.2014., p. 43.